

fir-rigward tal-kwalità, is-sigurtà u l-effikaċja, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Parti II ta' l-Anness I tad-Direttiva 2001/83/KE, kif emendata bid-Direttiva 2003/63/KE.

- (iii) L-istituzzjonijiet kompetenti tar-Repubblika tal-Litwanja nfushom stabbilixxew li d-dokumenti li jirrigwardaw il-prodott mediċinali "Grasalva" ma fihom l-ebda informazzjoni dwar testijiet prekliniċi jew kliniċi magħmulin skond l-Artikolu 4 tal-Parti II ta' l-Anness I tad-Direttiva 2001/83/KE, kif emendata bid-Direttiva 2003/63/KE, fir-rigward tal-konformità tal-prodott mediċinali "Grasalva" mal-ħtiġijiet ta' sigurtà u ta' effikaċja applikati għal prodotti bijoċi mediċinali simili.
- (iv) L-awtorizzazzjoni nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott mediċinali "Grasalva" ma tissodisfax il-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 4 tal-Parti II ta' l-Anness I tad-Direttiva 2001/83/KE, kif emendata bid-Direttiva 2003/63/KE, bir-riżultat li, mid-data ta' adegħżjoni, dan il-prodott mediċinali seta' jitqiegħed fis-suq biss jekk l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tiegħu ngħatat skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2309/93 (applikat sa l-20 ta' Novembru 2005) jew l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 (applikabbli mil-21 ta' Novembru 2005).

- (¹) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, p. 67).
- (²) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/63/KE tal-25 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi Komunitarja li tirrelata għal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 159, p. 46).
- (³) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993 li jistipula proċeduri tal-Komunità għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni ta' Prodotti Mediċinali (ĠU L 214, p. 1).
- (⁴) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, p. 1).

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

(Kawża C-356/08)

(2008/C 247/17)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Traversa, A. Böhlke, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

Talbiet tar-rikorrenti

- tikkonstata li r-Repubblika ta' l-Awstrija, billi teżiġi li kull tabib li jistabbilixxi ruħu fil-Land ta' l-Oberösterreich għandu jiftaħ kont bankarju ma' l-Oberösterreichischen Landesbank, li fih jiġu ttrasferiti l-ħlasijiet għas-servizzi tal-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni għall-mard, tikser l-obbligi tagħha skond l-Artikoli 43 KE, 49 KE u 56 KE
- tikkundanna lir-Repubblika ta' l-Awstrija għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-ftuħ obligatorju ta' kont, li fih għandhom jiġu ttrasferiti l-ħlasijiet kollha tas-servizzi pprovduti mill-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni għall-mard, huwa sproporzjonat f'dak li jirrigwarda l-ħtieġa li jiġi ggarantit il-kalkolu u l-għbir xieraq tal-ħlasijiet għall-prestazzjonijiet li għandhom jitħallsu minn tobbja stabbiliti fil-Land ta' l-Oberösterreich lill-assoċjazzjoni medika [Österreichische Ärztekammer]. Għalhekk, ir-regolamenti kkontestati jir-rappreżentaw restrizzjonijiet mhux iġġustifikati ta' tliet libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat, id-dritt ta' stabbiliment ta' tobbja stabbiliti fi Stati Membri oħrajn kif ukoll dik tal-banek, id-dritt tagħhom li jipprovdur servizzi kif ukoll il-libertà ta' moviment ta' kapital.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awissu 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-357/08)

(2008/C 247/18)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: G. Zavvos, aġent)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

Talbiet

- tikkonstata li, billi m'adottatx, jew fi kwalunkwe każ, ma nnotifikatx lill-Kummissjoni, il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/14/KE (¹), tal-11 ta' Mejju 2005, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 72/166/KEE, 84/5/KEE, 88/357/KEE u 90/232/KEE u d-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha minn din id-Direttiva,
- tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.